MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2010

Numru. 777/2010

Il-Pulizija
(Sp Fabian Fleri)
vs
Francesca Penza, bint Carmelo, imwielda Pieta' fl-20 ta' Ġunju, 1990, Karta ta' l-Identita numru 294190(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputata talli fil-25 ta' April, 2010 għal ħabta ta' bejn it-3.00 a.m. u it-3.30 a.m. minn ġewwa l-istabiliment bl-isem Havana li jinsab Triq San Ġorġ, San Ġiljan ikkomettiet serq ta' mobile phone li l-valur tiegħu jeċċedi €232.94 għad-dannu ta' Alexia Grech, liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bil-ħin.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Novembru, 2010 fejn Alexia Grech infurmat il-Qorti li l-mobile phone ġie ritornat.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Novembru, 2010 fejn l-imputata ammetiet l-akkuża miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta, il-fatt li l-oġġett ġie ritornat, l-eta’ żgħira u l-ammissjoni bikrija. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bla kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------